# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

# C 116

Edizzjoni bil-Malti

## Informazzjoni u Avviżi

**Volum 62**

**28 ta' Marzu 2019**


Werrej


IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2019/C 116/01 Rata tal-kambju tal-euro ..... 1

2019/C 116/02 Sommarju tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq għall-użu u/jew għall-użu tas-sustanzi elenkati fl-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH) *(Ippubblikat skont l-Artikolu 64(9) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006)* ([1]) ..... 2

V *Avviżi*

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2019/C 116/03 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.9306 — ENGIE/CDPQ/TAG) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ([1]) ..... 3


([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

**MT**

IV

*(Informazzjoni)*

## INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Rata tal-kambju tal-euro** ([1])

**Is-27 ta' Marzu 2019**

(2019/C 116/01)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,1261 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,5101 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 124,42 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 8,8389 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4664 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,6568 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,85118 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,5259 |
| SEK | Krona Żvediża | 10,4298 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 281,00 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,1196 | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 16,4253 |
| ISK | Krona Iżlandiża | 137,10 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 7,5729 |
| NOK | Krona Norveġiża | 9,6950 | HRK | Kuna Kroata | 7,4250 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 16 035,66 |
| CZK | Krona Ċeka | 25,797 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,5984 |
| HUF | Forint Ungeriż | 319,97 | PHP | Peso Filippin | 59,418 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,2936 | RUB | Rouble Russu | 72,9572 |
| RON | Leu Rumen | 4,7627 | THB | Baht Tajlandiż | 35,844 |
| TRY | Lira Turka | 6,2320 | BRL | Real Brażiljan | 4,4193 |
| AUD | Dollaru Awstraljan | 1,5888 | MXN | Peso Messikan | 21,6891 |
| | | | INR | Rupi Indjan | 77,8600 |

([1]) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

**Sommarju tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq għall-użu u/jew għall-użu tas-sustanzi elenkati fl-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH)**

*(Ippubblikat skont l-Artikolu 64(9) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 ([1]))*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2019/C 116/02)

**Deċiżjonijiet li jagħtu awtorizzazzjoni**

| Referenza tad-Deċiżjoni ([1]) | Data tad-Deċiżjoni | Isem is-sustanza | Detentur tal-awtorizzazzjoni | Numri tal-awtorizzazzjoni | Użi awtorizzati | Data tal-iskadenza tal-perjodu ta' rieżami | Raġunijiet għad-deċiżjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| C(2019)2092 | 21 ta' Marzu 2019 | ftalat tad-dibutil<br>Numru tal-KE: 201-557-4,<br>Numru tal-CAS: 84-74-2 | AVX Limited, Prospect House, 6 Archipelago Lyon Way, GU16 7ER, Frimley, Surrey, ir-Renju Unit | REACH/19/15/0 | L-użu industrijali tal-ftalat tad-dibutil fil-manifattura tal-folji taċ-ċeramika għall-produzzjoni tal-kapaċitaturi taċ-ċeramika b'aktar minn saff wieħed. | Seba' snin mid-data tad-Deċiżjoni | — Ir-riskju huwa kkontrollat b'mod adegwat skont l-Artikolu 60(2) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.<br>— Bħalissa ma jeżistux alternattivi xierqa. |

([1]) Id-deċiżjoni hija disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni Ewropea: http://ec.europa.eu/growth/sectors/chemicals/reach/about_mt

([1]) ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

**(Il-Każ M.9306 — ENGIE/CDPQ/TAG)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2019/C 116/03)

1. Fil-21 ta' Marzu 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— ENGIE S.A. ("ENGIE", Franza),

— Caisse de Dépôt et Placement du Québec - ("CDPQ", il-Kanada),

— Transportadora Associada de Gás S.A - ("TAG", il-Brażil)

ENGIE u CDPQ jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' TAG kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— ENGIE: kumpanija tal-enerġija dinjija Franċiża attiva fil-katina tal-valur tal-enerġija fl-oqsma tal-provvista tal-gass u l-elettriku, kif ukoll fis-servizzi tal-enerġija;

— CDPQ: investitur istituzzjonali dinji Kanadiż għal tul ta' żmien twil li jiġġestixxi fondi primarjament għal pjanijiet ta' pensjonijiet u assikurazzjoni pubbliċi u parapubbliċi. CDPQ tinvesti fi swieq finanzjarji kbar, fl-ekwità privata, fl-infrastruttura u fil-proprjetà immobbli;

— TAG: kumpanija bbażata fil-Brażil li tħaddem u tiġġestixxi pipeline tal-gass naturali li jinsab fir-reġjuni tat-Tramuntana u l-Grigal tal-Brażil.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9306 — ENGIE/CDPQ/TAG

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT